MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 500/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Mario Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat jhallas is-somma ta' elfejn, sitt mija erbgha u sittin liri Maltin u tletin centezmu (Lm2664.30) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21691869 (a/c 10015378) (skond kif jirrizulta mill-Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond 74, Triq Bajada, Zabbar.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi dokumenti a fol 2 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet attrici liema nota giet prezentata illum stess, “seduta stante”.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm2664.30,0 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija bla data, fl-istess avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------